# IL-KAMRA TAL-BANJU

*Ta'* ALBERT M. CASSOLA

SIBNA ruħna wiċċ imb'wiċċ quddiem il-kamra tal-banju. Hu kien liebes ġobba di kamra lewn il-porporina tgħajjat u jiena ġobba-di-kamra ħamra nar. It-tnejn konna lmaħna lil xulxin u fittxejna li naslu l-ewwel, iżda kollu kien ta' xejn. Wasalna, intenni, sewwa sew flimkien, u għalhekk kellna nġibu ruħna ta' edukati. Inzertajna t-tnejn nies li jafu sewwa l-affarijiet kif imorru.

"Għaddi int l-ewwel," għidna t-tnejn flimkien lil xulxin, waqt li flimkien qisna li nwarrbu min-nofs, donna miftehmin. Qbadna nidħku u jiena fittixt fil-bwiet ħalli nara nsibx xi soldi x'ngħolli biex naqtugħha min igħaddi l-ewwel; imma min hu li jżomm il-flus fil-bwiet tal-ġobba-di-kamra?

Biss l-ieħor sab buttuna.

"Liema naħa tagħżel?" staqsieni.

"In-naħa l-oħra," weġibtu.

Iżda lanqas ħaqq il-għażla li qgħadna nagħmlu għaliex meta għolla l-buttuna fl-arja, din ma reġgħetx niżlet. Il-buttuna ma sabitx fejn tmur u waqfet fuq wieħed mill-brazzi tal-linfa ċkejkna. U waqt li aħna bqajna nħarsu bi mneħirna 'l fuq, ġie xi ħadd li ma qagħadx jaħsibha darbtejn biex jiżgiċċa minn bejnietna u jibqa' dieħel dritt dritt fil-banju. Aħna t-tnejn ħadnieha kif ġiet u bil-qalb it-tajba nfridna bil-ħsieb li x-xorti ma terġax tilgħabna darb'oħra.

Wara xi ħamsin sekonda rġajna' ltqajna t-tnejn quddiem il-bieb ta' kamra oħra tal-banju.

"Xi ngħidu?" staqsejtu. "X'biħsiebek tagħmel issa?"

"Taf kif nagħmlu," qalli, "nersqu ftit lura minn hawn u nieħdu ġirja. Min jasal l-ewwel......"

"Tajjeb wisq......"

Wieħed, tnejn, tlieta...... Ħrabna qisna bil-molol, iżda wkoll did-darba rġajna' wasalna flimkien. Flimkien ħtafna l-pum tal-bieb, flimkien dħalna u, għalhekk, kellna niskużaw ruħna ma' waħda sinjura u noħorġu 'l barra mill-ġdid.

U hawn irrid infisser li n-nisa ta' ċerta età li jinsew jissakkru fil-kamra tal-banju għandhom iġagħluhom iħallsu multa kbira.

"Sa jkollna nibqgħu bla banju," gergirt jiena lill-ieħor wara li għadditilna ftit il-qatgħa.

"Hekk le!" weġibni. "Ħalli ngħidlek kif nagħmlu. Aħna

qegħdin fir-raba' pjan. Mela inti mur fit-tielet u jiena nitla' fil-ħames. Naħseb li b'hekk jirnexxielna ma nerġgħux niltaqgħu darb'oħra."

"Nittama......" laqlaqt jiena. "Imma ma nafx".

Infridna għat-tieni darba, u jiena nżilt fil-pjan ta' taħt; u kif ilmaħt minn bieb imbexxaq il-kamra tal-banju miftuħa u vojta fit-tarf tal-kuritur, tlaqt niġri għaliha bla ma qgħadt naħsibha darbtejn. Iżda malli tlaqt niġri kemm niflaħ xi ħadd li ħareġ ma nafx minn fejn fetaħ malajr il-bieb u nqafel ġewwa. Jiena għaraft minnufih il-ġobba-di-kamra lewn il-porporina tgħajjat.

"Lilek!" għajjatt b'saħħti. "Qed tagħmel apposta!"

Iżda l-libsa lewn il-poporina tgħajjat kienet ġà ssakkret ġewwa wara li sabbtitli ma' wiċċi l-bieb. Bdejt naqta' qalbi, u stabart biss meta ftakart li jekk l-ieħor kien daħal fil-kamra tal-banju tat-tielet pjan jien kont nista' nidħol f'dik tal-ħames. Niġri kemm niflaħ, tlajt iż-żewġ indani tat-taraġ, u kif wasalt waqajt fi driegħ raġel liebes ġobba-di-kamra lewn il-porporina.

"Kif tinsab hawn int? Din kif inhi?' ' qalli jħares bl-ikreh.

Jiena poġġejt mal-ħajt għax tatni bħal mejt.

"Imma inti m'għadekx kif kont fit-tielet pjan?" lissint jien mistagħġeb.

"Kif qatt stajt kont hemm jekk jien ninsab hawn?" qalli hu.

"Tabilħaqq. Imma kif tinsab hawn jekk inti qiegħed hemm?" irġajt bdejt inzekzek. "'Taħtna hemm biss banju vojt, u jien rajt il-ġobba-di-kamra tiegħek dieħla f'dik il-kamra tal-banju."

"Xi tgħodd il-ġobba-di-kamra?...... Ma jistax ikun hemm min għandu ġobba-di-kamra bħal tiegħi? Kif jiġu l-affarijiet! Xejn issa nilbes bla ma nieħu l-banju."

"Hekk nagħmel jien ukoll," tnehidt.

Inżilna flimkien, qalbna maqtugħa. Wassaltu sal-kamra tiegħu u jiena dħalt f'tiegħi. Wara żewġ minuti rġajt tlaqt niġri ferħan għal kamartu.

'Ejja! Ejja!" għajjattlu.

"X'ġara issa?"

"Sibt wieħed... banju privat!"

Il-bieb ta' kamartu ħadtu b'bieb ta' kamra tal-banju.

*(Imitazzjoni)*